# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum l-Erbgha 8 ta' Novembru 2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**
**vs.**
**Donald Micallef**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Donald Micallef ta' 25 sena, bin Francis u Rita nee' Pace, imwieled il-Pieta' fis-6 ta' April, 1982, u li joqghod 58, Triq Parades, San Pawl il-Bahar detentur tal-karta ta' l-identita' numru 208082M.

Akkuzat:

Talli f'Jannar 2008, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda.

a. B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel

titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar mnn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu tas-socjeta' Studio 7 Company Limited.

b. U aktar talli fl-istess data, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamel qliegh iehor b'qerq iehor ghad-dannu tas-socjeta' Studio 7 Company Limited.

Il-Qorti giet wkoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata 19 ta' April, 2010 (fol 51 tal-process), fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

(a) Fl-artikoli 18, 308, 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tal-21 ta' Gunju, 2010 l-imputat iddikjara li huwa m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet ix-xhieda, u rat id-dokumenti ezebiti u l-atti l-ohra ta' dawn il-proceduri.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Kunsiderazzjonijiet fil-Meritu**

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. L-imputat kien impjegat mas-socjeta Phone Direct Ltd., li d-direttur taghha u r-rapprezant legali taghha kien Ray Galea.
2. Ray Galea inkariga lill-imputat biex jiehu hsieb il-pubblikazzjoni tal-magazine bl-isem Juice Magazine, u dak kollu li kellu x'jaqsam ma' dan il-magazine. Dan il-magazine kien johrog darba fix-xahar u jitqassam b'xejn fid-djar Maltin.
3. Is-socjeta Phone Direct Ltd. kienet taghmel diversi xoghol mas-socjeta Studio 7 Co. Ltd.
4. Fis-2 ta' Lulju 2007, l-imputat fil-kapacita tieghu ta *"Sales u Publications Manager"* iffirma ftehim tas-socjeta Studio 7 Co. Ltd. biex jikri apparat tad-dawl *lighting* ghal kull nhar ta' Gimgha fil-ghaxija, ghal perjodu mis-6 ta' Lulju 2007 sat-28 ta' Settembru 2007. Il-prezz ta' dan il-kiri kien LM2,952.95/€6878.52.
5. Fil-11 ta' Dicembru 2007, Suzanne Ciantar Ferrito, bhala sales manager tas-socjeta Studio 7 ghamlet rapport lill-Pulizija ghax l-imputat ma hallasx l-ammont ta' LM2,952.95 pattwit ghal-kiri ta' l-apparat tad-dawl. Hija qalet li huma kienu fdaw lill-imputat u ffirmaw dan il-ftehim, ghax hu kien impjegat tas-socjeta Phone Direct Ltd.
6. Ray Galea, id-direttur ta' Phone Direct Ltd. qal li ghalkemm kien mar xi darba ghal laqgha ma' rapprezentanti ta' Studio 7, ma kien gie konkluz xejn, u ma kienx awtorizza lill-imputat jiffirma ebda kuntratt ghan-nom tas-socjeta Phone Direct.

*Kwistjoni Preliminari -L-Ammissibilita' tal-Istqarrija tal-Imputat*

Minkejja li d-difiza ma ssollevat l-ebda kwistjoni fir-rigward, din il-Qorti thoss ruhha obbligata li tiskarta l-istqarrija tal-imputat, stante li dak iz-zmien il-ligi ma kienitx tippermetti li suspettat ikollu d-dritt li jikkonsulta avukat qabel l-interrogatorju, u dan konformi mas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, deciza fit-12 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Mario Borg vs Malta**.

*Il-Meritu*

Il-mertu tal-kawza odjerna jiddependi hafna mill-kredibilita tax-xhieda, li huma konflingenti.

Il-Qorti se tibda mix-xhud Suzanne Ciantar Ferrito li ghamlet ir-rapport kontra l-imputat. Mix-xhieda taghha, johrog car li hi ma kienitx involuta direttament fin-negozjati u l-ftehim li kien hemm bejn Phone Direct Ltd u Studio 7, li kienet qieghda tirraprezenta. Hi qalet li tat id-dwal lill-imputat ghax ex kollega taghha Andrew Attard kien infurmaha li huma kellhom barter agreement mal-imputat u qalilha sabiex ittih id-dwal. Ghaliha l-imputat kien qed jirraprezenta lil Juice Magazine li kienet gestita mis-socjeta Phone Direct Ltd. Xi zmien wara, id-dipartiment tal-accounts infurmaha li l-barter agreement kien waqaf.

Xehed ukoll Andrew Attard li ghamel xi xhur impjegat ma' Studio 7. Il-Qorti sejra taghti piz lix-xhieda ta' dan ix-xhud, ghaliex mix-xhieda kollha li telghu jixhdu, hu l-unika xhud indipendenti. Hu xehed li l-ewwel darba li ltaqa' mal-imputat kien meta talab meeting mas-socjeta Phone Direct rigward marketing bejn Studio 7 u il-magazine li kienet tipproduci s-socjeta Phone Direct.

Skond Andrew Attard ghal dan il-meeting kien hemm prezenti l-imputat u Ray Galea, d-direttur ta' Phone Direct. Hu xehed hekk: *"L-idea tieghi kienet li nohloq tip ta' komunikazzjoni bejn Phone Direct u Studio 7 peress li dak iz-zmien ahna kellna l-programm jismu Show Time u li naghmlu cross marketing bejn iz-zewg media. Gie diskuss proprju dan u li niftakar zgur li minn dak il-meeting 'l quddiem gie deciz li s-sales team ta' Phone Direct kien ser ikun involut fis-sales ukoll ta' riklami ta' Show Time u qbilna wkoll li ser naghmlu tip ta' barter deal bejn iz-zewg media, ilprogramm taghna li dak iz-zmien kien fuq il-PBS u bejn id-door to door magazine. Gie deciz li ser isir dan u fil-fatt saret anke laqgha bejn is-sales team u ahna. Wrejniehom kif nixtiequ inbieghu il-prodott taghna etc etc u beda l-barter deal. U ma niftakarx kemm, il-barter deal min-naha ta' Studio 7 beda, jigifieri kien hemm a number of adverts ta' Studio 7 u ta' Show Time ghax kienu zewg affarijiet separati li dehru fil-publication kemm Phone Direct u anke Juice Magazine."*

Ix-xhud Andrew Attard qal ukoll li f'dan l-ewwel meeting Ray Galea kien tah il-permess biex jiddiskuti kwistjonijiet ta' marketing mal-imputat, u huwa dak li ghamel minn dak inhar il-quddiem.

Ix-xhud Andrew Attard ma ftakarx kemm hadu riklami Studio 7, ghax imbaghad hu telaq minn ma' Studio 7 ftit xhur wara, pero kien minghalih li kien hemm cirka LM490.00 kull faccata, ghalkemm ma ftakarx kemm kienu hadu faccati ta' riklami. Ovvjament Phone Direct

kellha tiehu in kontrakambju minghand Studio 7 u Show Time, l-valur ekwivalenti ta' riklami, li hadu minghandhom Studio 7 u Showtime. Pero Phone Direct u Juice Magazine qatt ma ordnaw riklami minghand Studio 7.

Ix-xhud kompla jghid li l-imputat kien avvicinhom biex jikri d-dawl – u ghalkemm dan ma kienx skond il-ftehim tal-barter – huwa xorta awtorizza lil Sue Ciantar Ferrito sabiex tikri lill-imputat d-dawl fl-ammont ta' LM50.00, biex inaqqas mill-bilanc li Studio 7 kellha thallas Phone Direct. Sussegwentement Attard spicca minn impjegat ta' Studio 7. Konsegwentement huwa ma kienx involut fil-kuntratt ta' kiri ta' dawl in kwistjoni.

Fix-xhieda tieghu, Ray Galea baqa' jinsisti li hu qatt ma ta lill-imputat awtorizzazzjoni biex jikri l-apparat tad-dawl minghand Studio 7, u li l-imputat uza dan l-apparat tad-dawl ghal attivita personali tieghu li kien jaghmel nhar ta' Gimgha. Hu xehed li l-imputat ma kienx itih id-dhul u l-hrug tal-ispejjez ghall-magazine kull xahar minkejja li kien jitlobhomlu regolarment.

Fix-xhieda tieghu, l-imputat jikkonferma fis-sustanza dak li xehed Andrew Attard. Hu zied zewg affarijiet. L-ewwel wahda, li l-attivita li kien jorganizza kull nhar ta' Gimgha ma kinietx ghal profitt tieghu imma kienet imsejja Juice Night, li r-ritratti taghha kienu jidhru fil-Juice Magazine. Hu jghid li Ray Galea ried jiffirma d-dummy tal-magazine qabel jigi ipprintjat, u allura bil-fors kien jaf fuq din l-attivita li kienet issir kull nhar ta' Gimgha.

Fid-dawl ta' dan il-kunflitt fix-xhieda, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-verzjoni tal-fatti ta' Andrew Attard, li kif diga inghad hu xhud indipendenti, u dik tal-imputat hija iktar kredibbli. Il-Qorti ma ssibx li hu verosimili li Ray Galea kien se jhalli lill-imputat ma jaghtix rendikonti kull xahar tal-ispejjez u d-dhul tal-magazine ghal zmien tal-inqas sena.

Ghalhekk, ma jirrizultax li il-Prosekuzzjoni irnexxilha tipprova sal-grad rikjest fil-kamp kriminali li meta kera l-apparat tad-dawl minghand is-socjeta Studio 7, Ray Galea inganna lil din is-socjeta li kien qed jagixxi ghan-nom tas-socjeta Phone Direct Limited, meta dan ma kienx veru. Konsegwentent l-elementi ta' truffa kontemplati fl-Artikoli 308 u 309 ma gewx ipprovati.

Rigward l-imputazzjoni ta' misapproprjazzjoni indebita, ma giet imressqa l-ebda prova li l-imputat ma rritornax l-apparat tad-dawl li kera. Il-kwistjoni li qamet hi dwar min kellu jhallas il-flus ghall-kera ta' dan l-apparat. Ghalhekk l-elementi necessarji ghar-reat ta' misapproprjazzjoni ma gewx ippruvati.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, u qed tilliberah minnhom.

**Magistrat**

**Deputat Registratur**